# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
**(Sede Kostituzzjonali)**

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Jannar 2016**

**Kawza Numru : 2**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 7/2014/LSO**

**Aaron Cassar**

**vs**

**L-Avukat Generali**
**Kummissarju tal-Pulizija**
**Direttur Generali (Qrati) Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali**
**Registratur Qrati Civili u Tribunali**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta’ Aaron Cassar detentur ta' karta tal-identita` numru 137880M datat 31 ta’ Jannar 2014 fejn espona: -

Illi l-esponent gie akkuzat flimkien ma’ certu Noel Frendo, *inter alia* b'serq aggravat bil-vjolenza fuq certu Joseph Grixti, anzjan ta' ‘l fuq minn sebghin sena, arrest illegali u pussess illegali t'arma tan-nar oltre talli kien recidiv u illi permezz ta’ sentenza tas-sittax (16) ta' Mejju 2012, fuq l-Att t'Akkuza numru 29/2009, u wara verdett ta' htija minn guri huwa gie kkundannat ghal piena ta' tmien (8) snin prigunerija, multa ta' elfejn (€2,000) ewro oltre l-kundanna ghal hlas tal-ispejjez tal-esperti, u illi l-esponenti interpona umli appell mis-sentenza msemmija;

Illi kemm fil-kors tal-guri kif ukoll fl-stadju meta gie intavolat l-appell liema appell jinsab *sub judice,* l-esponent gie assistit minn Avukat tal-Ghajnuna Legali *ai termini* tal-artikolu 911 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u l-artikoli 570 tal-Kodici Kriminali;

Illi d-dritt li persuna akkuzata jkollha assistenza legali u meta ma jkollhiex mezzi dan isir bi spejjez pubblici huwa protett kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta (artikolu 39(6)(c)) kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (artiklu 6(3)(c) tal-Kap 319).

Illi in fatti l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jistipula illi kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-dritt:-

*'li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' assistenza legali maghzula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghata lilu b'xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk'*

Illi s-sitwazzjoni prezenti fis-sistema legali Maltija hija li persuna akkuzata li m'ghandhiex mezzi tigi assenjata assistenza legali ta' avukat minn fost elenku ristrett ta' madwar ghaxar (10) avukati liema avukati jipprestaw is-servizzi taghhom kemm fil-kawzi civili kif ukoll fil-kawzi kriminali u illi l-avukat jigi assenjat fuq il-kriterju uniku ta' skont min ikun imiss fl-elenku minghajr ebda konsiderazzjoni ghal specjalizazzjonijiet varji bhad-dritt civili, penali, kummercjali u ohrajn u illi partikolarment fil-Qorti Kriminali l-ghazla hija ulterjorment ristretta ghal avukat wiehed (1) f'kazijiet ta' guri;

Illi l-spirtu tad-dritt kostituzzjonali surreferit ghandu jkun fis-sens ta' difiza adegwata b'rimunerazzjoni sufficjenti mill-Istat sabiex jigi assigurat li l-stess difiza tkun wahda xierqa;
Illi dan kollu ma jissodisfax il-vot tal-ligi *ai termini* tal-Kostituzzjoni (artikolu 39(6)(c)) u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (artiklu 6(3)(c) tal-Kap 319) (Pakelli vs Germany - 25th April 1993, Lagerblom vs Sweeden - 14th April, 2003);

Illi din is-sitwazzjoni qed iccahhad lil esponenti milli jigi assigurat difiza xierqa u adegwata ai termini tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi in oltre matul l-investigazzjoni tal-pulizija l-esponent gie mcahhad mid-dritt li jikkonsulta m'avukat tal-fiducja tieghu, peress illi l-Ligi Maltija ma kinetx tippermetti dan id-dritt, gie mcahhad mil-prezenza t'avukat tal-fiducja tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija tieghu, kif ukoll gie mcahhad mill-access ghal *file* tal-pulizija li jikkoncerna l-kaz tieghu, u b'mod generali r-rapprezentanza legali tal-esponent kienet kompletament eskluza mill-istadju tal-investigazzjoni fit-termini tal-Ligi Maltija f'dak iz-zmien u dan kollu bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponent *ai termini* tal-art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-art 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (Salduz vs Turkey, Bruscoe vs France, Alvin Privitera vs Avukat Generali);

Ghaldaqstant l-esponent jitlob reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi gew lezi d-drittijiet tal-esponenti ghal smigh xieraq kif sanciti fl-art 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea, u fl-art 39(6)(c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Tiddikjara illi minhabba n-nuqqas t'assistenza legali fl-stadju t'investigazzjoni gew lezi d-drittijiet fundamentali ghal smigh xieraq *ai termini* tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

3. Takkorda rimedji effettivi fic-cirkostanzi.

Salv dawk l-provvedimenti xierqa u opportuni.

Rat li din ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-27 ta’ Frar 2014.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 26 ta’ Frar 2014 a fol 8 tal-process fejn esponew bil-qima:

1 Illi permezz tar-Rikors odjern r-rikorrent qed jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu *ai termini* tal-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39(6)(c) tal-Kostituzzjoni a *bazi ta' lanjanzi dwar is-sistema legali Maltija dwar l-ghajnuna legali bla hlas; u li matul l-investigazzjoni tal-Pulizija u meta irrilaxxa l-istqarrija lil Pulizija ma setax jikkonsulta m'avukat tal-fiducja tieghu; ukoll li gie imcahhad mill-access ghal file tal-Pulizija li jikkoncerna l-kaz tieghu;*

2. Illi l-esponenti jirrespingu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li c-cirkostanzi tal-kaz ma jirrapprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent *ai termini* tal-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39(6)(c) tal-Kostituzzjoni ghar-ragunijiet segwenti:

(2.1) Illi fl-ewwel lok bhala principju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali izda jezisti biss dritt fundamentali ta' smigh xieraq meta persuna tkun akkuzata b'reat kriminali;

(2.2) Illi jekk persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, dan ma jwassalx awtomatikament ghal ksur tad-dritt ta' smigh xieraq kif donnu qed jippretendi r-rikorrent. L-esponenti jirribattu li kull kaz ghandu jigi ezaminat skont ic-cirkostanzi partikolari tieghu u l-imsemmi dritt irid jigi evalwat fir-rigward tat-totalita' tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument specifiku kif qed jipprova jaghrnel ir-rikorrent odjern;

(2.3) Illi effettivament fil-kaz odjern, bl-ebda mod ma jirrizulta li r-rikorrent kien imgieghel jaghti l-istqarrija li ta. Fil-fatt, ir-rikorrent inghata t-twissija skont il-ligi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq izda li dak li kien ser ighid seta' jingieb bhala prova kontrih. Illi jirrizulta car li r-rikorrent kien qed jifhem l-import tac-cirkostanza li kien jinsab fiha tant li ghazel li ma jirrispondiex ghall-ebda domanda, inkluz dik li kienet tirreferi ghall-istatus tieghu. Illi ghandu jinghad li bl-ebda gbid tal-immaginazzjoni ma r-risposta kostanti *'ma nirrispondiex'* ghal kwalunkwe domanda, ma setghet b'xi mod tinkrimina lir-rikorrent jew b'xi mod fic-cirkostanzi jinkisrulu d-drittijiet fundamentali tieghu; apparti l-fatt li r-rikorrent kien diga` xellef duffrejh mal-gustizzja u ghalhekk kellu esperjenzi precedenti ta' interogazzjonijiet u stqarrijiet;

(2.4) Illi l-esponenti jirrilevaw li fl-ebda mument waqt tal-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali ma giet attakkata l-validita' jew il-volontarjeta' tal-istqarrija da parti tieghu li bl-ebda mod ma tista’ titqies inkriminanti;

(2.5) Illi wiehed mill-principji li *ormai* gie stabbilit fil-kazijiet Kostituzzjonali, kif bazati anke fuq l-insenjament tal-kazistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom *Salduz v Turkey,* certament hu li ebda Qorti, f'ebda hin ma stabbiliet bhala principju universali li n-nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament iggib maghha lezjoni tad-drittijiet tal-akkuzat rikorrent kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Inoltre, in sostenn tal-pozizzjoni taghhom l-esponenti jaghmlu referenza ghall-kazijiet fl-ismijiet : *Charles Steven Muscat v Avukat Generali; John Attard v Prim Ministru et*; *Ir-Repubblika ta' Malta v Alfred Camilleri; Ir-Repubblika ta' Malta v Martin Dimech* u *Il-Pulizija v Norman Lowell*. Inoltre, in kwantu r-rikorrent jirreferi ghall-kazijiet ta' *Salduz v Turkey, Bruscoe v France u Alvin Privitera v Avukat Generali* in sostenn tat-tezi tieghu, l-esponenti jirribattu li f’dan il-kaz hemm differenzi radikali fil-fatti bejn l-imsemmija kazijiet u l-kaz odjern;

3. Illi l-lanjanzi tar-rikorrent *li matul l-investigazzjoni tal-Pulizija ma setax ikollu rapprezentanza legali u li gie mcahhad mill-access ghall-file tal-pulizija li jikkoncerna l-kaz tieghu* huma ukoll insostenibbli, peress li l-esponenti

jirribattu li l-ebda imputat ma kellu dan id-dritt u ghalhekk anke f'dan ir-rigward ma gewx lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent;

4. Illi l-lanjanza tar-rikorrent li s-sistema legali Maltija dwar l-ghajnuna legali bla hlas *ai termini* tal-Kap 9 u 12, lanqas ma tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent *stante* li ma hemm xejn diskriminatorju fil-fatt li l-avukati li huma appuntati fdin is-sistema jigu assenjati a bazi ta' *roster, stante* li d-dritt ghall-assistenza legali irrelevanti mill-fatt jekk ikunx bil-hlas *o meno*, ma jfissirx li r-rikorrent ghandu dritt assolut li jesigi s-servizzi ta' avukat partikolari. Illi l-principju fundamentali li hu protett mill-Konvenzjoni Ewropea hu li l-Qrati ghandhom jassiguraw li l-akkuzat ikun assistit minn avukat u li l-istess avukat jinghata l-opportunita` adegwata li jiddefendi l-pozizzjoni tal-akkuzat; li *del resto* jirrizulta li gara fic-cirkostanzi odjerni. Inoltre, l-esponenti jirribattu li l-Unjoni Ewropea tippermetti li l-Pajjizi Membri jillegislaw regoli specifici ghall-access ghall-Qrati u dan dejjem fl-ahjar interess tal-gustizzja u tal-amministrazzjoni effikaci taghha;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suecipit, fir-rigward tat-talba sabiex din l-Onorabbli Qorti *takkorda rimedji effettivi, dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi odjerni hemm ksur tad-drittijiet tar-rikorrent, haga li l-espenenti qed jirribattu bil-qawwa, l-esponenti jirrilevaw li fic-cirkostanzi odjerni, dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti. Inoltre, l-esponenti jirrilevaw li l-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fil-kompetenza

Kostituzzjonali taghha tirrigwarda l-kompatibilita` tac-cirkostanzi li fihom saret l-istqarrija u tmexxa l-process gudizzjarju mal-Konvenzjoni Ewropea u mal-Kostituzzjoni ta' Malta mentri fl-umli fehma tal-esponenti l-kwistjoni tar-rimedju ghandha tkun konsidrata mill-Qorti ta' Gurisdizzjoni penali li tgawdi l-Gurisdizzjoni sabiex tevalwa l-validita` u l-ammissibilita` tal-provi migjuba quddiemha ghall-fini tal-proceduri kriminali;

6. Illi ghalhekk u fid-dawl tas-suespost, l-esponenti jirrilevaw li c-cirkostanzi odjerni ma jirrapprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent *ai termini* tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors Promotur; bl-ispejjez kontra tieghu;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Qrati), Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u Registratur Qrati Civili u Tribunali datata 26 ta’ Frar 2014 a fol 14 tal-process fejn esponew bir-rispett:-

1. IIli *in linea* preliminari l-eccipjenti m'humiex il-legittimi kontraditturi u ghalhekk ghandhom jigu lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent;

2. IIIi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti ma ezawriex ir-rimedji ordinarji tieghu;

3. IIIi f’ dan il-kaz ir-rikorrent bl-ebda mod ma hu qed jattribwixxi l-allegat ksur tad-dritt ta' smigh xieraq ghal xi nuqqas min-naha tal-esponenti anke ghaliex l-esponenti ma jwiegbux u ma jahtux ghal tali lanjanzi u ghalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

4. IIIi f’dan il-kaz ir-rikorrenti qed jattribwixxi l-ilment tieghu minhabba allegat nuqqas fis-sistema tal-ghajnuna legali Maltija u minhabba li ma kienx assistit minn avukat waqt l-investigazzjoni tal-Pulizija liema lanjanzi bl-ebda mod ma jwiegbu ghalihom jew huma fil-mansjoni jew ghandhom xi tort dwarhom l-esponenti. Dan apparti li tali allegati nuqqasijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

5. Illi fil-mertu m'hemm ebda ksur tad-drittijiet lamentati mir-rikorrenti la taht il-Kostituzzjoni u lanqas taht il-konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif qed jallega ir-rikorrenti;

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

7. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Aaron Cassar datata 29 ta' Mejju 2015 a fol 86 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tad-Direttur Generali (Qrati), Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u Registratur Qrati Civili u Tribunali datata 17 ta' Settembru 2015 a fol 97 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma inkluz dak tal-ahhar seduta tal-15 ta' Ottubru 2015 (fol 100) fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Noel Bartolo ghall-intimat Direttur tal-Qrati, Dr Amadeus Cachia ghar-rikorrenti u Dr Roma D' Alessandro ghall-Avukat Generali. Dr Roma D' Alessandro bil-permess tal-Qorti pprezentat nota ta' sottomissjonijiet *seduta stante*. Il-Qorti halliet l-kawza ghas-sentenza in difett' ostakolu ghat-28 ta' Jannar 2016 b' dan li jekk xi hadd mill-partijiet ikun jixtieq jitlob appuntament ghat-trattazzjoni finali, il-Qorti takkorda appuntament ghal dak l-iskop.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrent qed jitlob harsien u rimedju dwar allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu kif sanciti bl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, 'l quddiem imsejha 'Il-Kostituzzjoni' u l**-artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet**

**tal-Bniedem - Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, '**l quddiem imsejjah "**Il-Konvenzjoni**".

L-ilmenti tar-rikorrent huma tnejn. L-ewwel li d-dritt tieghu sancit bl-**artikolu 39(6)(c) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni** giet leza billi gie assenjat avukat tal-ghajnuna legali waqt il-process penali u dan bl-applikazzjoni ta' sistema li ma tassigurax difiza adegwata lill-akkuzat. Fit-tieni lok jilmenta li gie imcahhad milli jikkonsulta avukat ta' fiducja tieghu kif ukoll milli jaccedi ghall-*case file* tal-pulizija dwar il-kaz tieghu, u dan bi ksur tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni kif ukoll tal-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni.**

Bazikament huwa jilmenta li d-drittijiet fondamentali tieghu imsemmija gew lesi billi ma inghatax id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju tal-investigazzjoni li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel ma gie interrogat mill-pulizija u rrilaxxa stqarrija. Inoltre jilmenta li ma kellux access ghall-file tal-pulizija li jikkoncerna l-kaz tieghu. Jilmenta wkoll li s-sistema ta' ghajnuna legali huwa dghajjef u ma jiggarantix difiza adegwata.

L-intimati opponew ghat-talbiet. L-**Avukat Generali** eccepixxa in succint li ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali imma biss dritt fundamentali ta' smigh xieraq meta persuna tkun akkuzata b'reat kriminali; li dan in-nuqqas ma jwassalx awtomatikament ghall-ksur tad-dritt ta' smigh xieraq billi kull kaz ghandu jigi ezaminat skont ic-cirkostanzi tieghu; li ma jirrizultax li r-rikorrent kien

imgieghel jaghti l-istqarrija tieghu u kien anke nghata d-debita twissija; li fl-ebda waqt tal-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali ma giet attakkata l-validita' jew volontarjeta' tal-istqarrija tal-akkuzat li bl-ebda mod ma tista' titqies li hija inkriminanti; li ma hemm l-ebda kazistika li tistabbilixxi bhala principju universali li n-nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament iggib maghha lezjoni tad-dritt tal-akkuzat u hemm differenza radikali bejn il-kaz odjern u l-giurisprudenza ccitata mir-rikorrent; li l-ebda imputat ma kellu d-dritt ghar-rapprezentanza legali u access ghall-*case file.* Dwar il-lanjanza dwar is-sistema tal-Ghanjuna Legali gie eccepit li din ma treggix billi s-sistema japplika ghal kullhadd minghajr distinzjoni u li dan id-dritt ma jfissirx li akkuzat ghandu jedd li jesigi s-servizzi ta' avukat partikolari. Ghal dak li jolqot ir-rimedju mitlub, eccipew li dikjarazzjoni ta' ksur ghandha titqies li huwa rimedju effettiv fic-cirkostanzi.

**Fatti fil-Qosor**

Illi l-fatti mhumiex in diskussjoni. Aaron Cassar flimkien ma' certu Noel Frendo gie akkuzat *inter alia* b'serq aggravat bi vjolenza fuq anzjan ta' 'l fuq minn sebghin sena, Joseph Grixti, kif ukoll b'arrest illegali u pussess illegali ta' arma tan-nar. Inoltre gie akkuzat talli kien recidiv. Permezz ta' sentenza tas-16 ta' Marzu 2012, fuq l-Att t' Akkuza numru 29/2009, u wara verdett ta' htija minn guri, gie kkundannat ghal piena ta' tmien (8) snin prigunerija, multa ta' €2000 oltre li gie kkundannat li jhallas l-ispejjez tal-esperti. Minn

din is-sentenza interpona appell, liema appell jinstab *sub judice.*

Jirrizulta li tul dawn l-istadji kollha tal-process l-akkuzat kien assistit minn Avukat tal-Ghajnuna Legali.

**XHIEDA**

**Maria Dolores Fenech** in rapprezentanza tar-Registratur Qrati Kriminali xehdet[1] li prezentement hemm erbatax-il (14) Avukat ta' l-Ghajnuna Legali, u fil-gurijiet hemm avukat wiehed, Dr Malcolm Mifsud. L-Avukati jitqieghdu fuq il-lista mill-Avukat Generali. Ir-roster hija assenjata kull xahar. L-avukat jiehu kaz skont kif imissu fuq ir-roster. Jekk jinqala' kaz fil-gurnata li jmiss lilu, irid jahdimha hu u ma hemmx kriterji ohra li japplikaw.

Fil-kaz ta' gurijiet, jekk Dr Malcolm Mifsud ma jkunx jista' jassisti, avukat iehor jidhol floku. Din kienet ukoll is-sitwazzjoni mis-sena 2012 billi l-avukat Joseph Mifsud kien irrizenja f'Awwissu 2011.

In **kontro-ezami** xehdet li x-xoghol tar-Registratur huwa biss li johrog ir-roster tal-Avukati tal-Ghajnuna legali. Jekk iridu jbiddlu xi gurnata, l-avukati fuq il-lista jaqblu bejniethom u ma jidholx fiha r-Registratur.

---

[1] Seduta tat-30 ta' Ottubru 2014.

Xehed **Adrian Tonna[2],** Kap *Corporate Services* mal-Ufficcju tal-Avukat Generali u kkonferma li l-Avukati tal-Ghajnuna Legali jircievu l-hlas taghhom mill-ufficcju tal-Avukat Generali. Hemm ghaxar avukati *part time* u wiehed *full time*. L-avukati *part time* huma *pooled* u jircievu *retainer* f'*lump sum* ammontanti ghal €2329.36[3] fis-sena. Dr Malcolm Mifsud huwa impjegat *full time* billi jaghmel gurijiet u jithallas paga fir-rata tal-iskala 10[4] tal-Gvern ammontanti ghall-massimu ta' €19,582 fis-sena.

Hu spjega li l-ufficcju tieghu jircievi il-lista tal-Avukati tal-Ghajnuna Legali appuntanti mill-Ministru kull sena. Huma lanqas jidhlu fil-kwistjoni tar-rizenja ta' Avukat billi jkun il-Ministru li jkun infurmat. L-ufficcju tal-Avukat Generali huwa involut fil-hlas biss. Qal ukoll li hemm lista wahda li tapplika sew ghall-kazijiet civili kif ukoll ghall-kazijiet kriminali bid-differenza li fic-civil jircievi remunerazzjoni ulterjuri.

In **kontro-ezami** qal li n-numru tal-*pool* huwa attwalment sbatax-il (17) Avukat. Spjega li x-xoghol tal-Avukat *full time* huwa li jassisti lill-persuni li ma jifilhux ihallsu avukat sabiex ikollhom access ghas-sistema legali, jiftah l-ufficcju regolarment, joffri supervizjoni u koordinazzjoni tax-xoghol tal-avukati u prokuraturi tal-Ghajnuna Legali u dan minghajr ma jitlob ebda forma ta' hlas. Il-kuntratt tal-Avukat Mifsud sar bejnu u bejn l-Avukat Generali. L-impieg tieghu sar fuq bazi indefinit.

---

[2] Seduta tat-30 ta' Ottubru 2014.
[3] Din hija s-somma kif korretta mix-xhud fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2014
[4] Xhieda kif korretta mix-xhud fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2014

Rega' xehed fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2015 u esebixxa kopja tal-kuntratt tal-ingagg tal-Avukat tal-Ghajnuna Legali Dr Malcolm Mifsud[5] datat id-19 ta' Lulju 2012.

Xehed **l-Ispettur Raymond Cassar**[6] li kien wiehed mill-ispetturi investigattivi u prosekutur fil-proceduri kontra Aaron Cassar. L-akkuzat kien irrilaxxja *statement* fit-12 ta' Lulju 2004 **(DOK RC2)**[7]. Qal li Aaron Cassar kien maghruf minnhom ghaliex kien gie arrestat f'okkazzjonijiet ohra. Dakinhar partikolari kien kalm, ma kienx aggressiv, ma kienx hemm pressjoni fuqu u fehem ghal x'hiex kien qed jigi mitkellem. Tawh it-twissija u ghazel li ma jirrispondix ghall-mistoqsijiet hlief li jaghti il-*particulars* tieghu. Ukoll ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija wara li qrawielhu. Hu kien qed jifhem ic-cirkostanzi li kien jinsab fihom. Irrisponda biss ghad-dettalji personali tieghu u mhux ghall-mistoqsijiet l-ohra.

Ix-xhud qal li Aaron Cassar kellu assistenza legali tul il-process penali kollu minn meta tressaq quddiem il-Magistrat fit-13 ta' Lulju 2004, tul il-process tal-kumpilazzjoni u fil-guri. Qatt ma ammetta l-akkuzi.

Esebixxa l-fedina penali tar-rikorrent **(DOK RC1)**[8] minn fejn jirrizulta li gie misjub hati u kkundannat precedentement u b'hekk kien recidiv.

---

[5] **Dok AD1** esebit a fol 42-46
[6] Seduta tat-13 ta' Jannar 2015
[7] Fol 58-60 tal-process.
[8] Fol 49-57

Ix-xhud spjega li kien informa lill-akkuzat qabel ma hadlu l-i*statement* li meta gie intercettat mill-pulizija kien akkompanjat minn persuna ohra, li t-tnejn li huma kienu fil-vena ta' serq. Il-Pulizija li waqqfuhom kienu jafu min huma u meta wiehed mill-pulizija ttawwal fil-karrozza kien hemm arma tan-nar li kellu l-*hammer* migbud hdejn saqajn Aaron Cassar. Dan ifisser li l-arma kienet lesta biex tigi sparata u meta ccekkjaw sabu skartocc fil-barrel. Spjegawlu li gie arrestat fuq is-sejba tal-arma tan-nar u ghamlulu mistqosijiet ohra relatati mas-serqa.

**L-Istqarrija tal-Akkuzat (DOK RC2)**

Din l-istqarrija ttiehdet fl-ufficcju tal-Ispettur Jeffrey Cilia fit-12 ta' Lulju 2004. Prezenti mal-Ispettur Cilia kien hemm ukoll l-Ispettur Raymond Cassar. Jirrizulta (u dan mhux ikkontestat) li r-rikorrent Aaron Cassar inghata t-twissija li mhuwiex obbligat li jitkellem izda jekk jitkellem, dak li jghidu jista' jingieb bi prova.

Fl-i*statement* hemm serje shiha ta' mistoqsijiet izda Aaron Cassar wiegeb billi qal "*Ma nwegibx*" jew "*Ma nirrispondix".*

Difatti ghajr biex jaghti d-dettalji personali tieghu, l-akkuzat ma wiegeb ghall-ebda domanda ohra.

Ghazel ukoll li ma jiffirmax l-istqarrija.

**L-eccezjoni Preliminari sollevata mid-Direttur Generali (Qrati), Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u Registratur Qrati Civili u Tribunali**

Jirrizulta li r-rwol tar-Registratur f'dak li jikkoncerna l-kaz odjern huwa biss u limitat ghall-amministrazzjoni tar-*roster* tal-avukati tal-Ghajnuna Legali. Mhuwiex involut fl-ingagg taghhom u johrog ir-*roster* mekkanikament kull xahar.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-Intimati ghamlu riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Kost) fil-kaz **Daniel Alexander Holmes v Avukat Generali et.** deciza fit-3 ta' Ottubru 2014 fejn il-Qorti akkoljiet eccezzjoni simili f'kaz li kien jirrigwarda lanjanza ta' lezjoni tal-artikolu 6(1) u 6(3)(c) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni fl-ambitu ta' nuqqas ta' assistenza legali waqt l-istadju investigattiv, u nuqqas ta' ghajnuna legali adegwata. Ghalkemm din is-sentenza giet appellata, l-appell kien jolqot aspetti ohra tas-sentenza.

Il-Qorti irriteniet li fl-ambitu tal-**artikolu 181B tal-Kap 12** tal-Liġijiet ta' Malta, il-preżenza unika tal-Avukat Ġenerali kienet tkun biżżejjed biex jirrappreżenta lill-Gvern ta' Malta għall-għanijiet ta' dawn il-proċeduri konvenzjonali /kostituzzjonali;

Il-Qorti taqbel ma' dan ir-ragunament. Mhu qed jigi imputat l-ebda involviment tal-intimati fil-process penali u m'ghandom l-ebda rwol deciziv fl-ingagg tal-Avukati tal-

Ghajnuna Legali u fit-tfassil tas-sistema ta' Ghajnuna Legali.

Ghaldaqstant tilqa' din l-eccezzjoni u tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ser tghaddi biex tikkonsidra l-kaz fil-mertu.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt marbutin mal-fatti tal-Kaz.**

**Dritt ghall-Assistenza Legali**

Ir-rikorrent jilmenta li ma inghatax id-dritt li jikkonsulta ma' Avukat kif ukoll li ma kellux access ghall-*file* tal-pulizija li jikkoncerna l-kaz tieghu bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**

Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, għandu jingħad li, fil-partijiet tiegħu rilevanti għal dan il-każ, dak l-artikolu jipprovdi li: "(1) *Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.... (5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorita ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu*

*safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari. (6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali -... (ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;... (10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha*";

Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qegħda tinstama' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti[9] u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja[10].

Illi ghalhekk minħabba li ċ-ċirkostanzi li dwarhom l-akkużat ressaq it-talba tiegħu jirrigwardaw ġrajja li seħħet qabel ma kien inbeda xi proċediment kontra l-akkużat, din il-Qorti

[9] P.A. (Kost.) 17.1.2002 fil-kawża fl-ismijiet **Karl Heinrich Muscat vs l-Avukat Ġenerali et.**

[10] Kost. 16.10.2002 fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Żarb et vs Ministru tal-Ġustizzja.**

ssib li l-ilment tiegħu jaqa' lil hinn mill-ambitu tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.[11]

**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

Illi d-drittijiet fundamentali sanciti b'dan l-artikolu jinvolvu fl-ewwel lok li fi proceduri kriminali ghandu jkun hemm smigh xieraq, imparzjali u pubbliku quddiem qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqfin b'ligi u li huma accessibbli ghall-akkuzat. Fit-tieni lok tinghata protezzjoni lil min hu akkuzat b'reati kriminali u cioè li huwa ghandu jigi meqjus li hu innocenti sakemm jigi pruvat li huwa hati u garanziji ohra hemm sanciti.

Illi l-partijiet rilevanti ghall-kaz odjern tal-Artikolu 6 jiddisponu hekk: "(*2) Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*

*(3) Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta'assistenza legali magħmula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;"*

[11] PA (Kost.) 30.10.2014 fil-kawza fl-ismijiet **Peter Joseph Hartshorne v Avukat Generali et.**

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddecidiet diversi drabi li d-dritt li persuna tiddefendi lilha nnifisha personalment jew permezz ta' assistenza legali huwa element fundamentali tad-dritt ghall-*fair trial*. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa intrinsikament marbut mad-dritt tal-akkuzat li jibqa' sieket (*the right to silence)* u mal-presunzjoni tal-innocenza. Inoltre l-access ghall-*case file* huwa essenzjali sabiex jigi rispettat il-principju tal-*equality of arms* fil-kuntest tad-dritt ghas-smigh xieraq.

Insibu f'dawn id-decizjonijiet li:

*"The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial"* (**Poitrimol v. France**, 23 November 1993, § 34, Series A no. 277-A, and **Demebukov v. Bulgaria** no. 68020/01, § 50, 28 February 2008).(Ara wkoll il-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija v Mark Lombardi -** QK 12 ta' April 2011, fejn il-Qorti traccjat l-izviluppi fil-hsieb legali tal-Qorti Ewropea fl-applikazzjoni ta' dawn il-principji.)

Hu maghruf li: *"The protection of Article 6 starts from the time when a person is charged with a criminal offence. This is not, however, necessarily the moment when formal charges are first made against a person suspected of having committed an offence... The Court has defined a 'charge' for the purposes of Article 6(1) as 'the official*

*notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence." (Jacobs, White & Ovey The European Convention on Human Rights,* ***Robin C.A. White & Clare Ovey***, Oxford (2010) pagna 246).

Illi f'dan ir-rigward, għalhekk, jidher ċar li l-applikabilita' tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija aktar wiesgha minn dik mogħtija għall-istess jedd taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Illi fil-kaz in ezami r-rikorrent ma kienx assistit minn avukat matul l-investigazzjoni tal-pulizija u fl-eventwali interrogazzjoni u redazzjoni tal-istqarrija tieghu. Fl-istqarrija hu wiegeb biss fis-sens li ma tax twegiba u ghalhekk ma irrilaxxja l-ebda informazzjoni li setghet fiha nnifisha minimament tintuza bhala prova kontrih. Lanqas iffirma l-istqarrija. Madanakollu dan fih innifsu ma jzommx lill-prosekutur milli jressaq l-istqarrija bhala prova fil-process penali.[12] Skont l-**artikolu 658 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:** *"Kull haga li l-imputat jew akkuzat jistqarr sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm il-darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmulha minnu volontarjament u ma gietx imgieghlha jew mehuda b'theddid jew biza' jew b'weghdiet jew b'xi twebbil ta' vantaggi."* Meta titnizzel bil-miktub il-kitba ghandha tigi prezentata (**art. 659 tal-Kap.9).**

[12] Il-Pulizija (Spettur Anthony Cassar) v Carmelo Joseph Psaila - Qorti tal-Appell Kriminali (MM) - 6 ta' Marzu 2014.

Jigi precizat li l-artikolu 355AT u 355AU tal-Kodici Kriminali li jirregolaw l-assistenza legali fl-investigazzjoni preliminari ta' akkuzat dahlu fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 b'effett tal-Avviz Legali A.L.35 tal-2010. Ghalhekk ma kienux parti mil-Ligi taghna fiz-zmien meta ttiehdet l-istqarrija tar-rikorrent odjern. B'konsegwenza ta' dan, skont il-linja mehuda mill-Qorti Kostituzzjonali taghna f'sentenzi ricenti, il-fatt wahdu tal-iskiet tieghu, kieku ghazel li jibqa' fommu sieket, ma kienx jattira l-ebda inferenza ulterjuri waqt il-procedimenti kriminali. Madanakollu l-interpretazzjoni tal-Qorti Kostituzzonjali ta' Malta fl-applikazzjoni tal-artikolu 6(3)(c) fl-isfond tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni mhix ghal kollox attinenti mal-interpretazzjoni tal-Qorti Ewropea.

**Giurisprudenza**

Ir-rikorrent jiccita in sostenn tat-tezi tieghu s-sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Salduz v Turkey (Grand Chamber)** deciz fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena 2008,[13] kif ukoll is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi **il-Pulizija v Alvin Privitera[14],** u **l-Pulizija v Esron Pullicino[15].** Izda sussegwentement il-Qorti Kostituzzjonali tat interpretazzjoni aktar restrittiva ghall-principju enuncjat f'**Salduz.**

[13] 49 ECHH 421+ moghtija fis-27 ta' Novembru 2008.
[14] Qorti Kostituzzjonali - 11 ta' April 2011.
[15] Qorti Kostituzzjonali - 12 ta' April 2011

Il-Qorti Ewropea, fil-kaz **Salduz v Turkey**, fil-paragrafu determinanti irriteniet li:-

"1. *Against this background, the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" (see paragraph 51 above), Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 (see, mutatis mutandis, Magee, cited above, § 44). The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction."*

**Salduz** gie segwit mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi citati mir-rikorrent odjern.

Fil-kaz ta' **Alvin Privitera,** kien l-Avukat Generali li appella u ressaq l-istess ilment li llum jinsab eccepit li bhala principju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali, imma biss dritt ghal smigh xieraq meta persuna tkun akkuzata b'reat kriminali.

Il-Qorti Kostituzzjonali ma accettatx din l-intepretazzjoni u siltet l-principju enuncjat mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Salduz v Turkey** hekk:

*"Illi din il-Qorti thoss li l-gurisprudenza ormai stabbilita tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ara **Salduz** fuq riferita) ghandha f'dan il-kaz tigi segwita. Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghall-avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni.*

*Izda anke jekk ikun hemm ragunijiet impellenti ghal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raguni, dawn ir-restrizzjonijiet ukoll m'ghandhomx jippregudikaw id-drittijiet tal-akkuzat taht l-Artikolu 6.*

*Dan id-dritt tal-akkuzat ikun irremedjabbilment pregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat u dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu."*

Fil-kaz fl-ismijiet **Charles Steven Muscat v Avukat Generali** (Q.K 8.10.2010) il-Qorti Kostituzzjonali tat interpretazzjoni awtorevoli imma aktar ristrett fejn inkwadrat id-dritt pretiz fl-isfond shih tal-*fairness of the trial* :-

"*16. Li l-eżerċizzju li trid tagħmel il-qorti ma huwiex wieħed purament formali, biex tara biss jekk seħħx "il-fatt biss li r-*

*rikorrent kien prekluż mill-liġi li jikkonsulta ma'avukat", huwa kompatibbli mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'din il-materja.*

*17. Hekk, fil-każ ta'* ***Imbrioscia v. l-Isvizzera***[16] *il-Qorti Ewropea osservat illi:*

*"Other requirements of Article 6 - especially of paragraph 3 - may also be relevant before a case is sent for trial if and in so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with them."*

B'riferenza ghall-kaz ta' **Salduz,** il-Qorti Kostituzzjonali taghna osservat li :

"20*. Tassew illi jidher illi f'sentenzi aktar riċenti l-Qorti Ewropea x'aktarx bidlet l-atteġġjament, u tidher li trid tagħti x'tifhem illi l-għajnuna ta' avukat f'kull waqt tal-proċess penali, sa mill-ewwel interrogazzjoni, hija fattur 'sine qua non' għal smigħ xieraq.* "

Madanakollu wara li ghamlet rassenja tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea osservat :

*"Għandu jingħad ukoll illi l-Qorti Ewropea wkoll fl-istess każ ta' Salduz osservat illi l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każ biss li, minħabba f'hekk, il-ġustizza tal-proċess tkun kompromessa:*

---

[16] Q.E.D.B. 24 ta' Novembru 1993, rikors 13972/88.

*'Article 6 - especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions.*[17]*"*

Sussegwentement il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta interpretat dan id-dritt biss fil-kaz fejn sabet li minhabba diversi cirkostanzi apprezzati skont il-kaz, li l-akkuzat seta' jitqies li kien vulnerabbi meta rrilaxxja l-istqarrija. (Ara ad ezempju **Anthony Taliana v Kummissarju tal-Puizija et.** Q.K. - 6 ta' Frar 2015.)

Ghaldaqstant jidher li l-oghla Qorti fil-pajjiz fehmet li lanqas dawk is-sentenzi tal-Qorti fi Strasbourg ma għandhom jitqiesu li ħolqu xi kejl assolut dwar dan il-jedd. Għalhekk, minn ħdan l-istess sentenzi, l-Qorti Kostituzzjonali siltet linja ta' ħsieb li tqiegħed il-kwestjoni tal-għajnuna ta' avukat lil min ikun interrogat fil-qafas tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Tant hu hekk li ghamlet riferenza ghall-konsegwenzi ta' inferenza sfavorevoli ("adverse inference") li jistghu jitnisslu kontra min jagħżel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulu.[18] "*Kien ikun mod ieħor li kieku l-liġi kienet tippermetti illi ssir xi inferenza mis-skiet."*

[17] Para 50 tas-sentenza.
[18]Il-kaz ezaminat f'dik is-sentenza sehh qabel ma ddahhlu d-disposizzjonijiet tal-Art.355AT u 355 AU fil-Kodici Kriminali fejn tista' ssir inferenza mis-skiet tal-akkuzat.

Ta' interess l-apprezzament tal-Qorti Ewropea dwar il-linja ta' hsieb abbraccjat mill-Qrati taghna. Fil-kaz **Dimech v Malta**[19] il-Qorti Ewropea esprimiet il-hsieb taghha hekk:

*"It also appears that the Constitutional Court originally followed the Salduz judgment strictly. However, at some point, notably from 2012 onwards, the Constitutional Court "restricted" its interpretation of the Salduz judgment, with the consequence that a number of persons who were subject to the systemic ban in Malta, and who therefore were not assisted by a lawyer when they made their statements, did not have the benefit of favorable judgments remedying their situation. This interpretation appears to have remained the practice thereafter, in so far as the only example brought by the applicant to demonstrate a further inconsistency was the case of The Republic of Malta vs Alfred Camilleri of 12 November 2012, which was however overturned by the Constitutional Court pending proceedings before this Court*."

Fil-kaz ta' **Dimech,** il-Qorti Ewropea kkonkludiet li ma jistax jinghad li kien hemm arbitrarjeta' fid-decizjonijiet tal-Qrati taghna imma tibdil fil-hsieb u b'hekk sabet li ma kienx hemm ksur fis-sens mitlub mir-rikorrent li allega incertezza fil-ligi. Dan l-istess hsieb gie ripetut mill-Qorti Ewropea bl-istess konkluzjoni fil-kaz **Borg v Malta** hawn taht indirizzat.

**Lezjoni Sistemika**

[19] Deciz mill-*Fifth Chamber* fit-2 ta' April 2015.

Jirrizulta li fiz-zmien tar-rilaxx tal-istqarrija mir-rikorrent, il-ligi taghna kienet ghadha ma gietx ammendata biex tirregola l-assistenza legali fil-*pre-trial stage*

Huwa evidenti, anke mis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' Strasbourg proprju f'dawn l-ahhar granet fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Borg v Malta**[20] li l-interpretazzjoni Konvenzjonali fil-kaz ta' restrizzjoni sistemika tad-dritt ghall-assistenza legali fil-*pre-trial stage* hija li hemm lezjoni tad-dritt fejn il-ligi kienet siekta (*sistemic restriction).*

Il-Qorti Ewropea irriteniet fil-paragrafi determinanti[21] li :-

*"The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v.*

[20] App.Nru. 37537/13. Din is-sentenza m'ghadx hi finali fil-jum tas-sentenza odjerna.

[21] Para 60 *et seq.*

*Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013)* (sottolinear ta' din il-Qorti).

*…............*

*It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56"*

Il-Qorti Ewropea b'hekk sabet fil-kaz ta' **Mario Borg,** li kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 6(3)(c) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

Fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija v Mario Lombardi,** il-Qorti Kostituzzjonali sabet li : "*Minn ezami tal-fatti li jemergu f'dan il-kaz, jirrizulta sufficjentement evidenti li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan ukoll fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi imsemmija moghtija mill-Qorti ta' Strasbourg, gie vvjolat kemm fuq bazi oggettiva kemm ukoll mill-aspett ta' "self-incriminating evidence". Fil-mument li gie interrogat l-appellant u meta rrilaxxja zewg stqarrijiet mal-ufficjali koncernati kienet tipprevali "a systematic restriction of access to a lawyer pursuant to the relevant legal provisions". (**Boz v. Turkey**, u **Dayanan v. Turkey)**. Dippiu' fil-kaz ta' **Dayanan v. Turkey**, kienet instabet lezjoni tal-Artikolu 6 nonostante li l-akkuzat baqa' sieket meta interrogat mill-pulizija. Aktar u aktar allura fejn, bhal*

*f'dak il-kaz, il-persuna interrogata rrilaxxjat stqarrijiet li jikkoncernaw il-htija taghha taht din ir-restrizzjoni ghad-dritt ghall-avukat. Lill-Qorti ma jirrizultawlha l-ebda "compelling reasons" biex jiggustifikaw restrizzjoni totali ta' access ghal avukat, kif irrizulta f'dan il-kaz."*

Fid-dawl tal-premess din il-Qorti ser tapplika r-regola li temani mill-interpretazzjoni tal-Qorti Ewropea fis-sens li l-Artikolu 6(3)(c) fimkien mal-artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghal avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni. Izda anke jekk ikun hemm ragunijiet impellenti ghal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raguni, dawn ir-restrizzjonijiet m'ghandhomx jippregudikaw irrimedjabbilment id-drittijiet tal-akkuzat taht l-Artikolu 6.

Inoltre dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimedjabbilment pregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat u dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.

Illi fil-kaz in ezami huwa car li fiz-zmien tal-arrest tar-rikorrenti kien hemm in-nuqqas totali ta' legislazzjoni li tipprovdi ghall-assistenza ta' avukat fl-istadju qabel ma persuna tigi akkuzata formalment quddiem il-Qorti. Dan iffisser li lanqas biss kien hemm parametri fejn l-Istat seta' jew ma setghax jaghmel restrizzjoni ta' dan id-dritt ghall-assistenza legali u dan qed jinghad fid-dawl tal-

gurisprudenza fuq citata tal-Qorti Ewropea. B’hekk ir-restrizzjoni ghall-access ghall-avukat lill-persuna arrestata kienet wahda totali u f’dan l-isfond din il-Qorti thoss li dan imur kontra l-obbligi pozittivi li ghandu l-Istat sabiex jimplimenta kif suppost l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Lanqas ma gie sottomess, u wisq inqas ippruvat, li kien hemm *compelling reasons* li kienu jiggustifikaw l-assenza ta' assistenza legali fil-kaz in ezami.

**Ghaldaqstant issib li kien hemm restrizzjoni sistemika tad-dritt ghall-assistenza legali b'lezjoni tal-obbligazzjoni pozittiva tal-Istat skont l-artikolu 6(3) (c) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea billi r-rikorrent ma kellux assistenza.**

F'dak li jikkoncerna r-rimedju, jirrizulta li l-akkuzat ma wiegeb l-ebda mistoqsija maghmula u effettivament l-uniku informazzjoni li jirrizulta mill-istqarrija huma d-dettalji personali tieghu. Ghalhekk l-istqarrija tressqet flimkien mal-provi l-ohra, effettivament,f'tali cirkostanzi, ma seta' jkollha l-ebda impatt probatorju fuq is-sejbien ta' htija tieghu. Jirrizulta mill-fedina penali tieghu li kien recidiv u kien maghruf lill-Pulizija.
Il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm sabet ksur minhabba restrizzjoni sistemika li proprjament jirrifletti fuq l-obbligazzjoni pozittiva tal-Istat, dan il-ksur ma ssarrafx f'xi pregiudizzju sostantiv ghall-akkuzat fil-process penali. Tant hu hekk li l-appell tieghu, deciz fil-mori ta' dawn il-

proceduri,[22] kien jittratta l-provi imressqa imma lanqas biss issemmiet l-istqarrija.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, hija tal-fehma li dikjarazzjoni ta' lezjoni hija rimedju sufficjenti.

Riferibilment ghan-nuqqas ta' access ghall-*case file* tal-pulizija, ir-rikorrent ma tax hjiel kif tali nuqqas wassal ghan-nuqqas ta' smigh xieraq fil-kaz tieghu. Hemm qbil li ebda imputat ma seta' jkollu access ghall-*case file* tal-pulizija fiz-zmien tal-arrest tar-rikorrent. Hu pacifiku li sabiex jigi sgurat il-principju tal-*equality of arms* l-akkuzat irid ikollu taghrif tal-provi li ser jingiebu kontrih sabiex ihejji d-difiza tieghu. Dan hu centrali f'sistema penali sabiex jigi sgurat l-gustizzja u s-smiegh xieraq. Madanakollu fil-kaz odjern, ma jirrizultax li l-akkuzat ma kellux access ghall-provi migbura fl-istadju tal-kumpilazzjoni, jew ma kellux id-dritt li jaghmel kontro-ezami tax-xhieda prodotti, jew ma kellux access ghad-dokumenti esebiti. Jirrizulta mill-ezami processwali li ma kellux xkiel fid-difiza tieghu u ressaq diversi oggezzjonijiet ghall-provi prodotti anke fil-kwadru tal-aggravji li ressaq quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tikkonkludi li sofra pregudizzju tali li ma setax ihejji difiza xierqa ghall-akkuzi migjuba ezaminat il-process kollu.

Ghalhekk il-konkluzjoni milhuqa ta' lezjoni ta' dritt ma tapplikax ghal din il-parti tal-ilment.

---

[22] Din il-Qorti hadet konjizzjoni gudizzjarja tas-sentenza moghtija mill-On.Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Dicembru 2015

**Dritt ghall-Avukat ghall-Ghajnuna Legali**[23]

Ir-rikorrent qed jilmenta li d-dritt tieghu ghas-smigh xieraq minhabba li s-sistema ta' ghajnuna legali f'pajjizna ma jizgurax difiza adegwata u dan skont dak sancit fl-artikolu **39(6)(c)tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni.** Huwa gie assistit minn Avukat tal-Ghajnuna Legali tul il-proceduri kollha billi ma kellux il-mezzi finanzjarji biex jqabbad avukat privat.

Ir-rikorrent ippreciza li l-lanjanza tieghu hija diretta lejn is-sistema ezistenti ta' l-Ufficcju tal-Ghajnuna Legali u mhux fir-rigward tal-avukat li assistih . Huwa obbligu tal-istat li jipprovdi sistema ta' ghajnuna legali xierqa ghall-persuni kollha li qeghdin f'sitwazzjoni prekarja finanzjarja li ma tippermettilhomx u mghandhomx mezzi finanzjarji biex iqabdu avukat biex jassistihom.

L-istess rikorrent jakkampa fuq is-segwenti :-

1. L-elenku ristrett ta' Avukati. Fiz-zmien tal-kaz kien hemm 14-il Avukat. Wiehed minnhom huwa *full time* li jahdem il-gurijiet wahdu.

2. Ir-remunerazzjoni tal-Avukat tal-Ghajnuna Legali mhix proporzjonali ghan-natura u piz tar-responsabbilitajiet tieghu;

---

[23] L-ufficcju tal-Avukat tal-Ghajnuna Legali hu regolat bl-artikolu 911 tal-Kap 12 li japplika fil-kamp kriminali skont l-artikolu 570.

3. Is-sistema ta' assenjazzjoni ta' avukati jinhadem fuq bazi ta' *roster* (*at random)*[24] fejn l-avukat jigi assenjat kaz skont kif imissu minghajr riferenza ghall-ebda kriterju iehor ad ezempju xi specjalizzazzjoni li jista' irrikjedi l-kaz partikolari;

4. Fil-kaz ta' gurijiet l-ghazla hija ristretta ghall-avukat wiehed li ifisser li ma hemmx ghazla.

5. Li l-kuntratt tal-Avukati jsir mal-Avukat Generali inkluz dak mal-avukat li jahdem fil-gurijiet u jithallsu wkoll mill-Ufficju tal-Avukat Generali li huwa l-Prosekutur Pubbliku.

6. Il-hlas huwa f'rata fissa ta' €2329.36 fis-sena ghall-*part timers* filwaqt li l-Avukat uniku li huwa ingaggat *full time* jithallas skont l-iskala 10 applikabbli fl-impieg fic-civil b'massimu ta' €19582.[25] Din ir-remunerazzjoni hija pre-stabbilita indipendentement min-natura tax-xoghol assenjat lill-Avukati tal-elenku.

Ir-rikorrent issottometta li "*L-ispirtu tad-dritt kostituzzjonali surriferit ghandu jkun fis-sens ta' difiza adegwata b'remunerazzjoni sufficjenti mill-Istat sabiex jigi assigurat li l-istess difiza tkun wahda xierqa."* In sostenn tat-tezi tieghu jiccita s-sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Pakelli v Germany -** 25 ta' April 1993, u **Lagerblom v Sweden** - 14 ta' April 2003.

---

[24] Xhieda ta' **Maria Dolores Fenech.**
[25] Xhieda ta' **Adrian Tonna**

Il-Qorti ser tittratta z-zewg artikoli tal-Ligi ccitati kontestwalment billi dak dispost fil-Kostituzzjoni huwa rifless fl-artikolu Konvenzjonali.

Kif gja premess, ma jirrizultax mill-ezami tal-process kriminali, u lanqas minn dak sottomess fil-kaz odjern, li r-rikorrent qed iressaq xi lanjanza kontra l-Avukat tal-Ghajnuna Legali li assistih minhabba xi nuqqas fil-qadi ta' dmirijietu professjonali. Ghalhekk l-ilment tieghu jibqa' wiehed generiku, indirizzat lejn is-sistema li topera f'Malta.

Il-Qorti Ewropea fil-kaz **Huseyn et v. Ażerbajan**[26] fissret hekk id-dritt ghall-ghajnuna legali skont l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenjoni*:*

*"180. In this connection, the Court reiterates that, under Article 6 § 3 (c) of the Convention, an accused is entitled to legal assistance which is practical and effective and not theoretical or illusory. This Convention provision speaks of "assistance" and not of "nomination": mere nomination does not ensure effective assistance since a lawyer may be prevented from providing such assistance owing to various practical reasons, or shirk his or her duties. A State cannot be held responsible for every shortcoming on the part of a lawyer appointed for legal-aid purposes. However, if a failure by legal-aid counsel to provide effective representation is manifest or is sufficiently brought to the authorities' attention in some other way, the authorities*

[26] 26 ta' Lulju 2011, rikorsi 35485/05, 45553/05, 35680/05 u 36085/05.

*must take steps to ensure that the accused effectively enjoys the right to legal assistance (see Artico v. Italy, 13 May 1980, §§ 33-37, Series A no. 37, and Kamasinski v. Austria, 19 December 1989, § 65, Series A no. 168). Moreover, where it is clear that the lawyer representing the accused before the domestic court has not had the time and facilities to organise a proper defence, the court should take measures of a positive nature to ensure that the lawyer is given an opportunity to fulfil his obligations in the best possible conditions."*

Fil-kaz **Kamasinski** fuq citat gie ritenut li "*A state cannot be held responsible for every shortcoming of a lawyer acting for the defence.*" F'**Rutkowski v Poland** [27] gie ritenut li "*The obligation to intervene arises where the lawyer's failure has rendered the defence ineffective taking the proceedings as a whole.*"

Filwaqt li l-Qorti taqbel li l-akkuzat ghandu dritt ghall-ghajnuna legali xierqa u effettiva, partikolarment fejn, bhall-kaz odjern, kien qed jirrinfaccja piena karcerarja, sabiex ikun hemm lezjoni ta' dan id-dritt, irid jirrizulta li kien hemm mankanza effettiva fil-qadi tad-dmir tal-Avukat li gie assenjat ghall-kaz tieghu li wasslet ghal-lezjoni tas-smigh xieraq fil-process shih. Fil-kaz odjern, minn imkien ma jirrizulta tali mankanza jew li ingab xi nuqqas a konjizzjoni tal-Istat.

[27] 44995/99 hudoc (2000)

L-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick**[28] jghidu :"*It follows from the independence of the legal profession of the state that the conduct of the defence is essentially a matter between the defendant and his counsel, whether counsel be appointed under a legal aid scheme or be privately financed. Because of the state's lack of power to supervise or control his or her conduct, a lawyer, even though appointed by the state, is not an organ of the state who can engage its direct responsibility under the Convention by his or her acts, in the way that a policeman or soldier may. Instead the competent national authorities, who may be the courts or other state actors, are required by Article 6(3)(c) to intervene* ***only if a failure by legal aid counsel to provide effective representation is manifest or sufficiently brought to their attention."***(sottolinear tal-Qorti).

Illi r-rikorrent jghid li s-sistema vigenti mhix adegwata biex d-dritt garantit mill-Artikolu 6(3)(c) jigi zgurat. Izda ma gab l-ebda prova biex juri li, bhala fatt, is-sistema attwali qed tohloq sitwazzjoni ta' ingustizzja fil-kaz partikolari. Huwa minnu li din is-sistema hija soggetta ghar-riformi izda b'dan ma jfissirx li l-istat attwali tas-sistema qed tohloq ingustizzja ghall-akkuzat.

Ikkonsidrat li s-sistema attwali tal-avukat tal-Għajnuna Legali fiha nuqqasijiet li jeħtieġu li jiġu indirizzati. Biżżejjed issir riferenza għar-rapporti tal-Kummissjoni mir-Riforma

[28] *Law of the European Convention on Huma Rights (3rd ed).p 481*

Ħolistika fil-Qasam tal-Ġustizzja (29 ta’ Lulju 2013) fejn ġew proposti ghadd numeruz ta' miżuri dwar din il-materja.

Waħda mill-miżuri proposti hi proprju li jkun hemm żewġ elenki ta’ avukati għall-Għajnuna Legali għal finijiet ta’ speċjalizazzjoni. B'dan ma jfissirx li fil-kaz attwali, is-sistema, bin-nuqqasijiet kollha tieghu, falla. Il-Qorti trid tezamina l-kaz li kellha quddiemha.

Il-Qorti Kostituzzjonali kellha l-okkazzjoni li tistharreg talba simili recentement fil-kaz **Daniel Alexander Holmes -v- Avukat Generali et** (16 ta' Marzu 2015), u osservat li "*Il-fatt illi s-sistema ma huwiex perfett u fih hemm lok għal titjib ma jfissirx bilfors illi hemm ksur ta’ drittijiet fundamentali."*

Huwa minnu wkoll li fil-kamp penali lanqas hemm ghazla fl-Avukati tal-elenku. Dwar dan il-punt huwa rikonoxxut anzi li l-akkuzat m'ghandux dritt assolut biex jaghzel l-avukat assenjat lilu mill-Istat (**Lagerblom v Sweden** fuq citat u **Croissant v Germany.)**[29]

Illi fil-kaz ta' **Daniel Alexander Holmes,** bhall-kaz odjern, ma jirrizultax li l-akkuzat gie assenjat avukat minghajr esperjenza fil-qasam penali. Anzi kif issottometta korrettement l-intimat Avukat Generali, l-fatt li hemm Avukat wiehed tal-Ghajnuna Legali assenjat ghall-gurijiet biss ifisser li huwa espert fil-materja.

---

[29] 25 ta' Settembru 1992

Inoltre ghalkemm l-Avukati tal-Elenku huma imhallsin mill-Ufficcju tal-Avukat Generali, jigu appuntati mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja. Ghalhekk l-Avukat Generali m'ghandu l-ebda diskrezzjoni fil-hatra taghhom u d-dmir tal-Avukat jibqa' dejjem, bhal kull Avukat iehor, dovut lejn il-klijent.

Is-sentenza fil-kaz ta' **Holmes** inghata recentement u l-linja ta' hsieb u principji hemm enuncjati huma wkoll applikabbli ghall-kaz odjern. Din il-Qorti ghalhekk ser taghmilhom taghha.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ssib li ma kienx hemm ksur tal-artikolu 6(3)(c) flimkien mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(c) tal-Kostituzzjoni minhabba li ma kellux difiza xierqa w adegwata.

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **Tilqa'** l-ewwel eccezjoni tal-Intimati Direttur Generali (Qrati), Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, tiddisponi mit-talbiet billi :

**1**. **Tichad l-ewwel talba** in kwantu li ma ssibx li kien hemm il-lezjoni lamentata minhabba xi nuqqas fid-difiza legali permezz tal-Avukat tal-Ghajnuna Legali;

2. **Tilqa' t-tieni talba** fis-sens li ssib li gew lezi d-drittijiet tar-rikorrent ghal smigh xieraq kif sanciti bl-Artikolu 6(3) flimkien mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea minhabba restrizzjoni sistemika tad-dritt tieghu ghall-assistenza ta' avukat fl-istadju investigattiv u **tichad** it-talba rimanenti;

3. **Tilqa' t-tielet talba** izda limitatament billi tqis li d-dikjarazzjoni ta' lezjoni huwa rimedju gust u effettiv in kwantu ma jirrizultax li l-akkuzat sofra xi pregudizzju sostantattiv waqt il-process penali.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Jannar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Jannar 2016**